KULTURA ĠDIDA

# REDEMPTOR HOMINIS - SILTIET

L-ewwel parti

Ktejjeb Numru 2

F' dan il-ktejjeb qed jigu pubblikati siltiet mill-ewwel enciklika tal-Papa Gwanni Pawlu II, Redemptor Hominis. Kummentarju ghal-dawn is-siltiet jinsab fil-hargiet ta' KulturaGdida. Siltiet ohra jigu pubblikati f' ktejba ohra 'l quddiem.

It-test tal-enciklika, b' xi tibdil, huwa dak tal-Edizzjoni Studia.

## Il-Kristjanizmu imiss il-misteru gewwieni tal-bniedem

Fl-analizi fil-fond li ghamel tad-"dinja moderna" l-Koncilju Vatikan II wasal ukoll ghall-iktar punt importanti fid-dinja li tidher. Il-bniedem, dahal, bhal Kristu, fil-fond tal-gharfien uman u mess il-misteru gewwieni tal-bniedem, li f' lingwagg Bibliku (u mhux Bibliku wkoll) hu mfisser bil-kelma "qalb". Kristu, il-feddej tad-dinja, hu dak li dahal b' mod uniku u li ma jistax jirrepeti ruhu, fil-misteru tal-bniedem u dahal sahansitra f' "qalbu". Il-Koncilju Vatikan II ghallem dan sewwa meta qal:- "Fil-fatt il-misteru tal-bniedem jiddawwal tassew fil-misteru ta' l-Iben ta' Alla maghmul bniedem. Ghax Adam, l-ewwel bniedem, kien xbieha ta' dak li kellu jigi (Rum: 5,15), jigifieri ta' Kristu l-Mulej. Kristu, Adam il-gdid, meta juri l-misteru tal-Missier u ta' l-imhabba tieghu, juri wkoll, ghalkollox, il-bniedem lill-bniedem stess u jurih is-sejha l-aktar gholja tieghu". U mbaghad ighid ukoll: "Huwa x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx" (Kol: 1,15).

Hu stess huwa l-bniedem perfett li radd lil ulied Adam ix-xebh ta' Alla mhassar fil-bidu mid-dnub. Billi n-natura umana giet fih maghquda u mhux meqruda, b' dan il-fatt stess fina wkoll dina n-natura kienet imghollija ghal dinjita' izjed gholja. L-Iben t' Alla, meta sar bniedem, imghaqad b' xi mod ma' kull bniedem. Hadem b' idejn ta' bniedem, haseb b' mohh ta' bniedem, agixxa b' rieda ta' bniedem, habb b' qalb ta' bniedem.

Imwieled mill-Vergni Marija, sar tassew wiehed minna, jixbahna f' kollox, barra mid-dnub". Huwa l-Feddej tal-bniedem! (n.8)

## Il-hniena t' Alla ghandha isem: Gesu' Kristu

Il-Fidwa tad-dinja - dan il-misteru kbir ta' imhabba li fih il-holqien jiggedded - huwa, fl-eghruq l-izjed profondi tieghu, il-milja tal-gustizzja f' qalb il-bniedem: fil-qalb ta' l-Iben primogenitu biex, imbaghad, issir gustizzja fil-qalb ta' hafna bnedmin li, proprju fl-Iben primogenitu, kienu ippredestinati sa mill-eternita' li jsiru wlied Alla u jkunu msejha ghall-grazzja, msejha ghall-imhabba. Is-salib tal-Kalvarju li permezz tieghu Gesu' Kristu - bniedem, bin Marija Vergni, iben putativ ta' Guzeppi ta' Nazaret - "ihalli" din id-dinja, is-salib huwa fl-istess hin turija ta'

paternita' eterna ta' Alla li fih, fi Kristu, joqrob mill-gdid lejn il-bnedmin, lejn kull bniedem, waqt li jaghtih dak li hu tliet darbiet qaddis, "l-Ispirtu tal-verita'".

Is-sens tal-mewt fuq is-salib ta' Kristu jitfisser b' din ir-rivelazzjoni tal-Missier u b' din l-ghotja ta' l-Ispirtu s-Santu li jqeghdu sinjal li ma jithassarx fuq il-Misteru tal-Fidwa. L-istess Alla hallieq jirivela ruhu bhala Alla li jifdi, bhala Alla "li hu fidil", fidil fl-imhabba tieghu ghall-bniedem u ghad-dinja, imhabba li hu kien ga irrivela f' jum il-holqien. U l-imhabba tieghu ma terga' qatt lura quddiem ebda haga li titlob gustizzja minnu. U ghalhekk l-Iben "li ma kienx jaf x' inhu dnub, Alla ghamlu dnub ghalina". Jekk Alla "ghamel dnub" lil Dak li kien bla ebda dnub, dan ghamlu biex juri l-imhabba li hi dejjem akbar mill-holqien kollu, l-imhabba li hi Hu stess, ghaliex "Alla hu imhabba".

U fuq kollox l-imhabba hija akbar mid-dnub, mid-dghufija, mill-"holqien li jinsab taht il-frugha", aktar qawwija mill-mewt; hija mhabba dejjem lesta li tmur tiltaqa' ma' l-iben il-hali, dejjem tfittex "ir-rivelazzjoni ta' wlied Alla" li huma msejha ghall-glorja li ghad trid tidher fina. Din ir-rivelazzjoni ta' l-imhabba hija msejha wkoll hniena, u fl-ahhar dina ir-rivelazzjoni ta' l-imhabba u tal-hniena ghandha fl-istorja tal-bniedem forma u isem: jisimha Gesu' Kristu. (n.9)

## Il-bniedem li jrid jifhem lilu nnifsu ghalkollox irid jiltaqa' ma' Kristu

Il-bniedem ma jistax ighix minghajr imhabba. Jekk ma jsirx jaf l-imhabba, jekk ma jiskoprix l-imhabba f' hajtu, jekk ma jgarrabx l-imhabba, jekk ma jdahhalhiex f' hajtu, jekk ma jiehux sehem sew fiha, jibqa' bniedem li ma jistax jifhem lilu nnifsu u hajtu tkun bla sens ghalih. Ghal din ir-raguni, kif diga' ghidna, Kristu l-Feddej jirrivela ghal kollox il-bniedem lill-bniedem. Jekk nistghu nghid hekk, din hi d-dimensjoni umana tal-misteru tal-Fidwa. F' din id-dimensjoni l-bniedem isib mill-gdid il-kobor, id-dinjita' u l-valur li huma marbutin sew mal-umanita' tieghu. Fil-misteru tal-Fidwa l-bniedem huwa "mfisser" mill-gdid u, b' certu mod, mahluq mill-gdid. Tassew, huwa mahluq mill-gdid! "Ma

hemmx izjed Lhudi u anqas Grieg, ma hemmx ilsir u anqas hieles, ma hemmx ragel u anqas mara: ghax intom ilkoll haga wahda fi Kristu Gesu'." Il-bniedem li jrid jifhem lilu nnifsu ghalkollox - u mhux semplicement skond kriterji u qisien immedjati, parzjali, hafna drabi superficjali li jistghu jqarrqu bih - irid jersaq lejn Kristu bl-ansjetajiet tieghu, bl-incertezzi tieghu, kif ukoll bid-dghufijiet u dnubiet tieghu, b' hajtu u b' mewtu. Irid, biex nghidu hekk, jidhol fih - fi Kristu - bih innifsu kollu; irid "jaghmel tieghu" u jaghmel haga wahda mieghu ir-rejalta' shiha ta' l-Inkarnazzjoni u tal-Fidwa biex jasal biex jerga' jsib lilu nnifsu. Jekk dan il-process profond isehh fih, allura huwa jikseb frott mhux biss ta' adorazzjoni ta' Alla izda wkoll ta' ammirazzjoni kbira tieghu nnifsu. Kemm huwa tassew prezzjuz il-bniedem f' ghajnejn il-Hallieq jekk "kiseb Feddej daqshekk kbir" u jekk Alla "ta lil Ibnu l-wahdieni" biex il-bniedem "ma jintilifx izda jkollu l-hajja ta' dejjem?"

Fir-rejalta', din l-ammirazzjoni profonda quddiem il-valur u d-dinjita' tal-bniedem tissejjah Evangelju, jigifieri, il-Bxara t-tajba. Tissejjah ukoll Kristjanizmu. Din l-ammirazzjoni tiddetermina l-missjoni tal-Knisja fid-dinja, anzi forsi izjed ukoll, "fid-dinja tal-lum". Din l-ammirazzjoni, li hija wkoll konvinzjoni u certezza hija marbuta intimament ma' Kristu. Fl-eghruq l-izjed fondi taghha dina l-ammirazzjoni hija c-certezza tal-fidi; izda b' mod mohbi u misterjuz hija taghti l-hajja lil kull aspett ta' umanismu awtentiku. Hija tiddetermina l-post ta' Kristu - biex nghidu hekk il-jedd partikolari tieghu ta' cittadinanza - fl-istorja tal-bniedem u ta' l-umanita'. Il-Knisja, waqt li ma tieqaf qatt milli tahseb fuq l-misteru kollu u shih ta' Kristu, taf bic-certezza kollha tal-fidi, illi l-Fidwa li sehhet permezz tas-salib tat lura ghalkollox u ghal dejjem lill-bniedem id-dinjita' tieghu u regghet tat sens lill-ezistenza tieghu, sens li kien intilef hafna htija tad-dnub. Ghalhekk, il-Fidwa sehhet fil-misteru tal-Ghid li jwassal permezz tas-Salib u tal-mewt ghall-qawmien mill-mewt.

Il-missjoni ewlenija tal-Knisja f' kull zmien u l-izjed fi zmienna hi li tmexxi l-intelligenza tal-bniedem, li tindirizza l-kuxjenza u l-esperjenza tal-gens tal-bnedmin kollha, lejn il-misteru ta' Kristu u tghin lill-bnedmin kollha biex ihossu fil-hajja taghhom ta' kuljum kemm tilhaq fil-fond il-Fidwa li ssir fi

Kristu Gesu'.

Fl-istess hin hija l-missjoni taghha li titkellem dwar l-isfera tal-hwejjeg l-aktar intimi tal-bniedem, l-isfera, nifhmu nghidu, tal-qalb, tal-kuxjenza u tal-grajja tal-bniedem. (n.10)

## Kristu verita' u liberta' tal-bniedem

Kien sewwasew dan il-bniedem, fil-verita' kollha tal-hajja tieghu, fil-kuxjenza tieghu, fl-inklinazzjoni kontinwa tieghu ghad-dnub u fl-istess hin fl-aspirazzjoni kontinwa tieghu ghall-verita', ghat-tjieba, ghal dak li hu sabih, ghall-gustizzja u ghall-imhabba, kien dan il-bniedem li l-Koncilju Vatikan II kellu quddiem ghajnejh meta iddeskriva s-sitwazzjoni tal-bniedem fid-dinja moderna u, mill-elementi u l-kawzi esterni ta' din is-sitwazzjoni, hareg il-verita' immanenti tal-gens tal-bnedmin: "Hafna elementi li ma jaqblux bejniethom jinsabu sewwasew fil-bniedem. Ghaliex min-naha wahda, bhala mahluq, hu jhoss b' hafna modi li huwa limitat, min-naha l-ohra jara li ma ghandux limiti fix-xewqat tieghu u li hu msejjah ghal-hajja aktar gholja. Migbud minn hafna hajriet huwa obbligat dejjem jaghzel xi wahda u jiccahhad mill-ohrajn. Dak li hu aghar, ghaliex huwa dghajjef u midneb, mhux rarament jaghmel dak li kieku ma jridx, u jhalli dak li kieku jixtieq jaghmel. Ghalhekk fih innifsu jsofri bhal xi haga li taqsmu u li minnha jigi wkoll hafna tilwim gravi fis-socjeta'".

Gesu' Kristu jiltaqa' mal-bniedem ta' kull zmien, anki il-bniedem ta' zmienna, u jghidlu l-istess kliem: "Intom tagharfu l-verita' u l-verita' tehliskom". Dan il-kliem fih htiega ewlenija u fl-istess hin twissija: il-htiega ta' atteggjament onest quddiem il-verita', li hu kundizzjoni ghal-liberta' vera; it-twissija hija li ahna nevitaw kull xorta ta' liberta' taparsi, kull liberta' li ma tidholx fil-verita' kollha dwar il-bniedem u dwar id-dinja. Il-lum ukoll, ghalkemm elfejn sena wara, ahna naraw lil Kristu bhala dak li jgib lill-bniedem il-liberta' ibbazata fuq il-verita', li tehles lill-bniedem minn dak kollu li jillimita, li jnaqqas, u li, biex nghidu hekk, iqaccat il-liberta mill-eghruq stess taghha, fir-ruh tal-bniedem, fil-qalb tieghu, fil-kuxjenza tieghu. X' konferma tal-ghageb ta' dan inghatat u ghandha tinghata minn dawk li, minhabba

Kristu u fi Kristu, kisbu l-liberta' vera u wrewha wkoll f' sitwazzjonijiet li fihom il-liberta' hija mxekkla bil-forza minn barra! (nn. 14 u 12).

## Mistoqsija radikali dwar ir-rebhiet tal-progress

Il-bniedem tal-lum jidher dejjem mhedded minn dak li jipproduci, jigifieri mill-frott tax-xoghol ta' jdejh u, aktar u aktar, mill-hidma ta' l-intellett tieghu u mit-tendenzi tar-rieda tieghu. Maljar u, hafna drabi, b' mod li ma tobsrux, dak li l-bniedem jirnexxilu jipproduci b' din il-hidma varja tieghu hu mhux biss suggett ghal "aljenazzjoni" fis-sens li jispicca biex jittiehed 'l ura mill-persuna li tipproducih, izda jdur ukoll kontra l-bniedem, ghall-inqas f' parti minnu, htija tal-konsegwenzi indiretti li jduru fuqu jew kontrih. Dan jidher li hu l-qofol tal-kundizzjoni iebsa hafna tal-esistenza tal-bniedem fi zmienna fid-dimensjoni l-aktar wiesgha u universali taghha. Il-bniedem ghalhekk ighix dejjem aktar fil-biza'. Jibza' li dak li jipproduci, mhux kollu, dan zgur, u lanqas il-parti l-kbira minnu, imma bicca minnu u sewwasew dik il-parti li ghandha sehem specjali mill-genju u l-inizjattiva tieghu, jista' jdur radikalment kontrih: jibza' li jsir mezz u strument biex ikisser lilu nnifsu b' mod li hadd ma jista' jemmen u b' konsegwenzi li, meta tqabbilhom maghhom, il-kataklizmi u l-katastrofi kollha tad-dinja donnhom ighibu. Dan iwassalna ghal-mistoqsija:- Ghaliex is-setgha li nghatat lill-bniedem sa mill-bidu biex jahkem id-dinja, iddur kontrieh, tipproduci, kif wiehed wista' malajr jifhem, stat ta' ansjeta', ta' biza' konxju jew mhux konxju, u ta' sens ta' theddida li tolqot lill-familja umana kollha ta' zmienna u li titfisser b' modi differenti? (...)

L-izvilupp tat-teknologija u l-izvilupp tac-civilta kontemporaneja li hi karatterizzata mid-dominju dejjem akbar tat-teknologija, jitolbu zvilupp proporzjonali tal-hajja morali u tal-etika. Izda dan l-izvilupp, b' xorti hazina, qieghed dejjem jibqa' 'l ura. Ghalhekk, minkejja l-fatt li dan il-progress huwa tal-ghageb u mhux difficli tara fih sinjali awtentici tal-kobor tal-bniedem - sinjali li kienu diga gew irrivelati lilna fil-Ktieb tal-Genesi, li fihom, ghall-inqas bhala zerriegha kotrana, il-Ktieb iddeskriva l-holqien tal-bniedem - b' danakollu dan il-progress ma jistax ma jqajjimx thassib ghal hafna ragunijiet.

L-ewwel raguni ghall-preokkupazzjoni gejja minn kwistjoni essenzjali u fundamentali: dan il-progress, li tieghu l-bniedem hu l-awtur u l-promutur, jaghmel il-hajja tal-bniedem fuq l-art "hajja aktar umana" f' kull aspett taghha? Jaghmel il-hajja tal-bniedem aktar "tixraq lill-bniedem"? Ma jistax ikun hemm ebda dubbju li, f' hafna oqsma tal-hajja, il-progress dan jaghmlu. Imma l-mistoqsija tibqa' insistenti dwar dak li hu l-essenzjali: jekk, fil-kuntest ta' dan il-progress, il-bniedem, bhala bniedem, huwiex qed isir bniedem ahjar, jigifieri aktar matur spiritwalment, huwiex qieghed jaghraf izjed id-dinjita' ta' l-umanita' tieghu, huwiex isir aktar responsabbli, aktar miftuh lejn l-ohrajn, specjalment lejn dawk li m'ghandhom xejn u li huma l-aktar dghajfa, u aktar dispost li jaghti u jghin lil kulhadd. (...)

Waqt li ahna nosservaw dak li qieghed jigri u niehdu sehem fih ma nistghux inhallu tirbahna l-ewforija jew igorrna xi entuzjasmu li jhares lejn naha wahda biss minhabba dak li nkunu ksibna; imma ghandna lkoll nistaqsu lilna nfusna, b' onesta' assoluta, b' oggettivita' u b' sens ta' responsabbilta' morali, il-mistoqsijiet essenzjali dwar is-sitwazzjoni tal-bniedem il-lum u fil-gejjieni. Ir-rebhiet li ksibna s' issa u dawk li ghad tikseb it-teknologija fil-futur, jaqblu mal-progress morali u spiritwali tal-bniedem? F' dan il-kuntest, il-bniedem, bhala bniedem, qieghed jisviluppa u jaghmel progress jew sejjer 'l ura u qed ibaxxi l-umanita' tieghu? Fil-bnedmin u "fid-dinja tal-bnedmin" - li hi fiha nfisha dinja ta' gid u deni morali - it-tajjeb qieghed jirbah fuq il-hazen? Fil-bnedmin u fost il-bnedmin hemm aktar imhabba socjali, aktar rispett lejn id-drittijiet ta' l-ohrajn - ta' kull bniedem, ta' kull nazzjoni, ta' kull poplu - jew, ghall-kuntrarju, hemm aktar egoismu, nazzjonalismu esagerat minflok imhabba awtentika lejn il-pajjiz? Qed tizdied l-ambizzjoni li tiddomina lill-ohrajn lil hinn mil-limiti tad-drittijiet u merti legittimi, jew li tisfrutta l-progress materjali u l-progress tekniku u produttiv kollu biss biex tiddomina lill-ohrajn jew tiffavorixxi dan jew dak l-imperjalismu?

Dawn huma l-mistoqsijiet essenzjali li l-Knisja jehtieg li ssaqsi lilha nfisha ghax qed jistaqsuhom b' mod izjed jew inqas car eluf ta' miljuni ta' bnedmin li bhalissa jghixu fid-dinja. (...) Il-Knisja, immexxija minn fidi eskatologika, tqis din l-imhabba u din il-

preokkupazzjoni ghall-bniedem, ghall-umanita' tieghu, ghall-futur tal-bnedmin fid-dinja u ghalhekk ghall-futur kollu ta' l-isvilupp u l-progress bhala parti essenzjali mill-missjoni taghha u maghquda maghha b' mod li ma jinhallx. Hi ssib il-principju ghal din l-imhabba u ghal din il-preokkupazzjoni ghall-bniedem f' Gesu' Kristu nnifsu, kif jixhdu l-Evangelji.
(n.15)

## Ic-civiltajiet materjali joholqu stati ta' jasar godda

Is-sitwazzjoni tal-bniedem fid-dinja moderna, infatti, tidher li hi ferm 'il boghod minn dak li oggetivament jitlob l-ordni morali, minn dak li titlob il-gustizzja u aktar u aktar minn dak li titlob l-imhabba socjali. Ahna qed nitkellmu hawnhekk dwar dak li sab tifsira fl-ewwel messagg li l-Hallieq ta lill-bniedem meta tah id-dinja, biex "jahkem" lid-dinja. Dan l-ewwel messagg Kristu ikkonfermah fil-misteru tal-Fidwa. Dan fissru l-Koncilju Vatikan II f' dawk il-kapitli sbieh tat-taghlim tieghu dwar ir-"regalita'" tal-bniedem - jigifieri s-sejha tieghu biex jiehu sehem fl-ufficcju regali - "munus regale" - ta' Kristu nnifsu. Is-sens essenzjali ta' din ir-"regalita'" u "l-hakma" tal-bniedem fuq id-dinja li tidher, regalita' u hakma li l-Hallieq ta lill-bniedem bhala dmir tieghu, is-sens essenzjali huwa li l-etika ghandha prijorita' fuq it-teknika, li l-persuna ghandha prijorita' fuq il-hwejjeg l-ohra, u li l-ispirtu hu 'l fuq mill-materja.

Huwa ghalhekk li rridu nsegwu b' attenzjoni kull fazi tal-progress tal-lum, biex nghid hekk, naghmlu X-Ray ta' kull stadju ta' dan il-progress. Dak li hemm fin-nofs huwa l-isvilupp tal-persuni u mhux semplicement it-tkattir ta' l-oggetti li l-bnedmin jistghu juzaw. Kif qal filosofu ta' zmienna u kif qal ukoll il-Koncilju: din mhiex kwistjoni ta' kemm se "jkollna aktar" (avere di piu') imma ta' kemm se "nkunu aktar" (essere di piu'). Ghaliex hemm il-periklu veru u li tista' thossu li, waqt li l-bniedem jaghmel passi kbar 'il quddiem biex jahkem id-dinja, huwa jitlef is-sens essenzjali ta' din il-hakma u jispicca biex ihalli li l-umanita' tieghu tkun, b' modi differenti, suggetta ghad-dinja u li hu nnifsu jsir suggett ghall-manipulazzjoni (ukoll jekk hafna drabi ma jindunax biha) mill-organizzazjoni shiha tal-hajja komunitarja, mis-sistema ta' produzzjoni u mill-pressjonijiet li jsiru

mill-mezzi tal-komunikazzjoni socjali. Il-bniedem ma jistax jichad lilu nnifsu jew jichad il-post li jisthoqqlu fid-dinja li tidher; ma jistax isir lsir ta' l-oggetti, tas-sistemi ekonomici, tal-produzzjoni, ta' dak stess li huwa jipproduci. Civilta' li hi biss materjalista tikkundanna lill-bniedem ghal-jasar bhal dan, ukoll jekk hafna drabi dan il-jasar ikun, minghajr dubbju ta' xejn, kontra l-intenzjonijiet u l-istess premessi tal-pijunieri taghha. Il-herqa ghall-bniedem ghandha fl-erghuq taghha dan il-problema. Izda hawn m'hux qeghdin nippruvaw inwiegbu b' mod astratt ghall-mistoqsija: Min hu l-bniedem? Hawnhekk qed nittrattaw dwar id-dinamismu kollu tal-hajja u tac-civilta'. Qeghdin nittrattaw dwar it-tifsira li ghandhom il-hafna inizjattivi tal-hajja ta' kuljum u, fl-istess hin, dwar it-tifsira li ghandhom il-premessi ta' hafna programmi politici, ekonomici, socjali, statali, ta' programmi ohrajn u, in generali, ta' programmi ta' hidma ta' civilta'. (...)

Is-sitwazzjoni tal-bniedem ta' zmienna zgur li m'hix kullimkien l-istess, imma ghandha hafna differenzi. Dawn id-diferenzi ghandhom il-kawzi storici taghhom imma ghandhom ukoll rifless etiku qawwi. Infatti lkoll nafu x'inhi c-civilta' konsumistika li ssehh meta jkun hemm "surplus" ta' oggetti mehtiega ghall-bniedem u ghal socjetajiet shah - qed nitkellmu dwar socjetajiet sviluppati hafna - waqt li l-bqija tas-socjetajiet, jew ghallinqas oqsma wesghin taghhom ibatu l-guh u hafna nies, ta' kuljum, imutu ghax imgewhin jew ghax m'ghandhomx ikel bizzejjed. Fl-istess waqt isir ukoll minn xi gruppi certu abbuz mil-liberta', abbuz konness sewwasew ma' atteggjament konsumistiku li jahrab mir-razan ta' l-etika. Dan l-abbuz tal-liberta' jkun qed jillimita l-liberta' ta' l-ohrajn, jigifieri ta' dawk li jkunu qeghdin ibatu minn htigijiet kbar u li jigu imbuttati lejn kundizzjonijiet ta' mizerja akbar u ta' faqar aghar. (n.16)

## Il-Herqa tal-Knisja ghall-Bniedem konkret u storiku

Minhabba Kristu u l-misteru tieghu li hu l-hajja stess taghha, il-Knisja ma tistax ma titqanqalx ghal dak kollu li hu ta' gid ghall-bniedem, bhalma ma tistax tkun indifferenti quddiem dak li jheddu, [u dan sabiex]...il-hajja fid-dinja "tkun taqbel aktar mad-

dinjita' kbira tal-bniedem" fl-aspetti kollha taghha, biex il-hajja tieghu issir "aktar umana". Din hija l-herqa ta' Kristu stess... Hu minhabba din il-herqa li "il-Knisja qatt ma ghandha tigi konfuza mal-komunita' politika, lanqas marbuta ma' xi sistema politiku. Hi f' hin wiehed sinjal u garanzija li l-persuna umana hija traxxendenti".

Ghalhekk, dak li qed nitkellmu dwaru hawn hu l-bniedem fil-verita' kollha tieghu, fil-kobor kollu tieghu. Ma ahniex qed nitkellmu dwar il-bniedem "astratt", imma dwar il-bniedem rejali, "konkret", "storiku". Ahna qed nitkellmu dwar kull bniedem, ghax kull bniedem hu inkluz fil-misteru tal-Fidwa u bis-sahha ta' dan il-misteru Kristu nghaqad ma' kull wiehed ghal dejjem. Kull bniedem...sewwasew minhabba l-misteru tal-Fidwa, jintreha f' idejn il-Knisja li tiehu hsiebu kollu kemm hu u tikkoncentra l-herqa taghha fuqu b' mod ghalkollox specjali. L-oggett tal-hsieb tal-Knisja hu l-bniedem, fir-rejalta' umana, unika u irripetibbli tieghu, rejalta' li zzomm bla mittiefsa x-xbieha u s-sura ta' Alla nnifsu... Il-bniedem "hu l-unika krejatura fuq wicc id-dinja li Alla xtaq ghaliha nnfisha". Il-bniedem kif Alla "riedu", kif Alla "ghazlu" mill-eternita', sejjahlu u iddestinah ghall-grazzja u l-glorja - dan hu "kull" bniedem, il-bniedem "konkret", kemm jista' jkun, "rejali", kemm jista' jkun! Dan hu l-bniedem imzejjen bil-milja tal-misteru li fih ghandu sehem f' Gesu' Kristu; l-istess misteru li fih ghandu sehem kull wiehed mill-erbat elef miljun bniedem li jghixu f' din id-dinja taghna, minn meta jitnissel taht qalbu ommu. (n.13)

## Il-bniedem mhedded minn progress li ma jghollihx

L-izvilupp tat-teknologija u l-izvilupp tac-civilta' ta' zmienna li hi karatterizzata mid-dominju dejjem akbar tat-teknologija, jitolbu zvilupp proporzjonali tal-hajja morali u ta' l-etika. Izda dan l-izvilupp, b' xorti hazina, qieghed dejjem jibqa' 'l ura. Ghalhekk, minkejja li dan il-progress huwa tal-ghageb ...ma jistax ma jqajjimx thassib ghal hafna ragunijiet. L-ewwel raguni ghal-thassib gejja minn kwistjoni essenzjali u fundamentali: dan il-progress, li tieghu l-bniedem hu l-awtur u l-promutur, jaghmel il-hajja tal-bniedem fuq l-art "hajja aktar umana" ... "aktar tixraq lill-bniedem"? Ma jista' ikun hemm ebda

dubbju li, f' hafna oqsma tal-hajja, il-progress dan jaghmlu. Imma l-mistoqsija tibqa' insistenti dwar dak li hu essenzjali: jekk, fil-kuntest ta' dan il-progress, il-bniedem bhala bniedem, huwiex qed isir bniedem ahjar, jigifieri aktar matur spiritwalment, huwiex qieghed jaghraf izjed id-dinjita' tal-umanita' tieghu, huwiex qed isir aktar responsabbli, aktar miftuh lejn l-ohrajn, specjalment lejn dawk li m' ghandhom xejn u li huma l-aktar dghajfa, u aktar dispost li jaghti u jghin lil kulhadd.

Din il-mistoqsija ghandhom jaghmluha l-insara, sewwasew ghaliex Kristu ghamilhom sensibbli b' mod universali dwar il-problema tal-bniedem.

L-istess mistoqsija ghandhom jaghmluha l-bnedmin kollha, l-aktar dawk li huma mill-gruppi socjali li qed jaghtu ruhhom attivament fi zmienna ghall-izvilupp u ghall-progress. (n.15)

## L-Istat: ghall-bniedem u ghall-gid komuni

Diga' mill-ewwel nofs ta' dan is-seklu, meta kienu qed jizviluppaw totalitarismi statali differenti ...il-Knisja fissret b' mod car il-posizzjoni taghha dwar dawn ir-regimi li fid-deher kienu qed jahdmu ghal gid oghla, jigifieri l-gid tal-istat, waqt li fil-fatt, l-istorja kellha turi li minflok ghall-gid komuni dawn iggieldu favur il-gid ta' partit partikolari li kien identifikat ma' l-Istat. Fil-fatt dawn ir-regimi kienu irrestringew id-drittijiet tac-cittadini, kienu cahdulhom l-gharfien ta' dawk id-drittijiet inaljenabbli tal-bniedem li sabu formulazzjoni fuq livell internazzjonali f' nofs dan is-seklu....Il-Knisja, li taghraf li l-"ittra" wahdedha tista' toqtol u li biss "l-Ispirtu jaghti l-hajja", ghandha l-hin kollu tistaqsi, flimkien ma' dawk il-bnedmin ta' rieda tajba, jekk id-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-accettazzjoni taghhom ta' l-"ittra" ifissrux kullimkien ukoll li ma' l-"ittra" sehh ukoll l-"ispirtu". Infatt, hemm ghalfejn wiehed jibza' tassew li ahna ghadna hafna drabi 'l boghod li dan isehh u li xi drabi l-ispirtu tal-hajja socjali u pubblika hu kontra l-"ittra" dikjarata tad-drittijiet tal-bniedem. Dawk li jghinu biex tinholoq din is-sitwazzjoni tqila ghas-socjetajiet taghhom ghandhom responsabbilita' specjali quddiem dawn is-socjetajiet u l-istorja tal-bniedem.

Is-sens essenzjali ta' l-Istat, bhala komunita' politika, jikkonsisti filli is-socjeta' jew min jifforma parti minna, jigifieri l-poplu, huwa s-sid u l-bennej tad-destin tieghu. Dan is-sens jibqa' mhux rejalizzat jekk, minflok l-ezercizzju tas-setgha bil-partecipazzjoni morali tas-socjeta' jew tal-poplu, insibu li tkun qed issir l-imposizzjoni tas-setgha minn xi grupp wiehed fuq il-membri l-ohra tas-socjeta'. Dawn il-hwejjeg huma essenzjali fi zmienna meta qieghda tikber bis-shih il-kuxjenza socjali tal-poplu u l-htiega, li tmur maghha, li c-cittadini jkollhom sehem gust fil-hajja politika tal-komunita' skond il-kundizzjonijiet rejali ta' kull poplu u l-hajja necessarja ta' l-awtorita' pubblika. Dawn mela huma kwistjonijiet ta' importanza mill-akbar ghal dak li ghandu x' jaqsam mal-progress tal-bniedem u l-izvilupp shih ta' l-umanita' tieghu.

Il-Knisja dejjem ghallmet id-dmir li wiehed ghandu li jahdem ghall-gid komuni u kulmeta ghamlet hekk edukat cittadini tajba ghal kull Stat. Barra min hekk hija dejjem wissiet li d-dmir ewlieni ta' min ghandu s-setgha pubblika hu li jahdem bil-herqa ghall-gid komuni tas-socjeta'; huwa minn dan li jiehdu bidu d-drittijiet fundamentali ta' l-awtorita' pubblika.... Id-drittijiet tas-setgha pubblika jistghu jinftiehmu biss fuq il-bazi tar-rispett ghad-drittijiet naturali u invjolabbli tal-bniedem. (n.17)

## Il-kuragg li titkellem dwar Kristu: twegiba ghall-qalb tal-bniedem

Il-Knisja tghix b' din il-verita' dwar il-bniedem, li tghinha tmur lil hinn mill-limiti tal-hajja fiz-zmien u fl-istess hin tahseb b' imhabba u b' herqa specjali dwar dak kollu li f' din il-hajja temporali jolqot il hajja tal-bniedem, il-hajja ta' l-ispirtu uman li fih hemm dak in-nuqqas ta' kwiet li semma Santu Wistin: "Mulej, Inti hlaqtna ghalik u qalbna ma tedhiex sakemm ma tistriehx Fik". F' dan in-nuqqas ta' mistrieh kotran qiesha thabbat il-qalb ta' dak kollu li hu l-aktar uman fil-bniedem: it-tiftix tal-verita', l-esigenza bla heda tat-tajjeb, l-aspirazzjoni ghal-liberta', ix-xewqa ta' dak kollu li hu sabih, u l-lehen tal-kuxjenza. Meta l-Knisja tipprova thares lejn il-bniedem, biex nghidu hekk, "bl-ghajnejn ta' Kristu nnifsu", hija taghraf

dejjem aktar li hi l-ghassiesa ta' tezor kbir, li ma tistax tahli, imma li ghandha il-hin kollu tkabbar. Fil-fatt, Kristu qal: "Min ma jigborx mieghi, ixerred". Dak it-tezor ta' l-umanita', moghni bil-misteru li ma jistax jitfisser, li ahna bih insiru wlied Alla u nircevu l-grazzja ta' "l-adozzjoni ta' wlied" fl-Iben wahdieni ta' Alla, li permezz tieghu nistghu nghidu lil Alla "Abba, Missier", dak it-tezor ta' umanita' hu wkoll forza qawwija li tghaqqad il-Knisja, u tghaqqadha l-izjed minn gewwa, u taghti sens lill-hidma kollha taghna. (n.18)

## Il-Knisja, fil-fedelta' lejn Alla, responsabbli ghall-Verita'

Hekk...il-Knisja tidher quddiemna bhala s-suggett socjali tar-responsabbilita' ghall-verita' divina. Ahna nisimghu mqanqla hafna lil Kristu nnifsu jghid: "Il-Kelma li qeghdin tisimghu m' hijiex tieghi, imma tal-Missier li baghatni". F' din l-affermazzjoni tal-Imghallem taghna ma narawx responsabbilita' ghall-verita' rivelata, li hi l-"proprjeta'" ta' Alla nnifsu, jekk hu wkoll, "l-Iben il-wahdieni", li jghix "fi hdan il-Missier", meta jghaddi dik il-verita', bhala profeta u ghalliem, ihoss il-htiega li jinsisti li dak li hu qed jaghmel hu f' fedelta' shiha lejn l-ghajn divina taghha? Din l-istess fedelta' ghandha tkun kwalita' kostitutiva tal-fidi tal-Knisja kemm meta tkun qed tghallem din il-fidi u kemm meta tkun qed tipprofessaha.

Il-fidi, bhala virtu' soprannaturali specjali msawba fl-ispirtu tal-bniedem, twassalna biex, waqt li ahna nwiegbu ghall-kelma rivelata ta' Alla, ahna nidhlu naghmlu sehem mill-gharfien tieghu. Ghalhekk hu mehtieg li, meta l-Knisja tistqarr u tghallem il-fidi, hi ssir dejjem izjed haga wahda mal-verita' divina u tghixha f' attitudni li tkun "ubbidjenza (lill-fidi) f' armonija mar-raguni". Kristu nnifsu, biex jiggarantixxi din il-fedelta' lejn il-verita' divina, wieghed lill-Knisja l-ghajnuna specjali ta' l-Ispirtu tal-Verita', ta d-don ta' l-infallibilita' lil dawk li fdalhom il-mandat li jghaddu u jghallmu dik il-verita',... u ta wkoll lil Poplu ta' Alla kollu sens specjali tal-fidi.

Minhabba f' hekk ahna sirna ghandha sehem minn din il-missjoni ta' Kristu profeta u, bis-sahha ta' din il-missjoni, ahna, flimkien mieghu, qed naqdu l-verita'

divina fil-Knisja. Li nkunu responsabbli ghal din il-verita' ifisser ukoll li ahna nhobbuha u li nfittxu dejjem aktar li nifhmuha biex inressquha dejjem aktar qrib taghna u ta' l-ohrajn bil-qawwa taghha kollha li issalva, bid-dawl kollu taghha, fil-profondita' u, fl-istess hin, fis-semplicita' karatteristika taghha. (n.19)

## L-Insara huma profeti tal-Verita'

Is-sehem taghna fil-missjoni regali ta' Kristu - fl-"ufficcju regali" tieghu - hu marbut bil-qawwa ma' kull qasam tal-moralita' nisranija u umana.

Meta l-Koncilju Vatikan II ipprezenta xbieha shiha tal-Poplu t' Alla,... huwa (il-Koncilju) ma wasalx biex jaghti din ix-xbieha biss minn premessi socjologici. Il-Knisja, bhala socjeta' umana tista', iva, tkun ezaminata u definita skond ir-regoli u l-kriterji uzati mix-xjenzi dwar kull socjeta' umana. Izda dawn ir-regoli u kriterji m' humiex bizzejjed. Ghax, ghall-komunita' kollha tal-Poplu t' Alla u ghal kull membru tal-Poplu t' Alla, m'hijiex biss kwistjoni ta' "shubija socjali"; izda x' aktarx tenhtieg, ghal kull wiehed u ghal kulhadd, "sejha" specjali. Ghaliex il-Knisja, bhala Poplu t' Alla, hi wkoll,..il-"Gisem Mistiku ta' Kristu". Il-jedd tas-shubija f' dan il-gisem gej minn sejha partikolari, maghquda mal-hidma tal-grazzja li ssalva. Ghalhekk, jekk ahna nixtiequ tassew li nkunu konxji ta' din il-komunita' tal-Poplu t' Alla - li hi daqshekk kbira u daqshekk differenzjata - ahna ghandna, qabel kollox, nikkontemplaw lil Kristu li b' xi mod ighid lil kull membru ta' din il-komunita: "Ejja mieghi". Din hi l-komunita' tad-dixxipli li jimxu wara Kristu, kull wiehed minnhom b' mod differenti, xi whud minnhom konxjament hafna u b' mod koerenti hafna, ohrajn xi ftit inkonxjament u b' mod inkoerenti hafna. Dan juri l-aspett profondament "personali" ta' din is-socjeta' u fl-istess hin dimensjoni partikolari taghha illi, minkejja id-difetti kollha tal-hajja komunitarja taghha, fis-sens uman tal-kelma, hija, b' danakollu, komunita' sewwasew minhabba l-fatt illi jiffurmawha l-membri kollha taghha flimkien ma' Kristu nnifsu, ghallinqas ghax kollha jgibu f' ruhhom is-sinjal li ma jithassarx, is-sinjal li jgib min hu nisrani. (n.21)

## Kulhadd skond il-vokazzjoni personali tieghu

Fil-Knisja, bhala l-komunita' tal-Poplu t' Alla mmexxija mill-Ispirtu s-Santu, "kull wiehed ghandu d-don tieghu minghand Alla", kif semmielna San Pawl. Ghalkemm dan id-"don" hu vokazzjoni personali u forma ta' partecipazzjoni fil-hidma ta' salvazzjoni tal-Knisja, huwa jaqdi lill-ohrajn, jibni l-Knisja u l-komunitajiet ta' l-ahwa fl-oqsma differenti tal-hajja tal-bniedem fuq l-art.

Il-fedelta' lejn il-vokazzjoni ta' kull wiehed, jigifieri d-disponibilita' perseveranti ghas-"servizz regali", hija ta' importanza kbira ghal dan il-bini tal-Knisja fl-aspetti differenti tieghu, specjalment dawk li ghandhom x' jaqsmu mad-dmirijiet l-izjed importanti u li ghandhom l-akbar influwenza fuq il-hajja tal-proxxmu u tas-socjeta' kollha (...).

Il-Knisja tieghu, maghmula minna lkoll, tezizti "ghall-bnedmin"; dan ifisser li jekk ahna nibbazaw ruhna fuq l-ezempju ta' Kristu, u jekk nikkollaboraw mal-grazzja li qalghalna, ahna jirnexxilna "nsaltnu", jigifieri ahna nkunu kapaci nipproducu umanita' matura f' kull wiehed minnha. L-umanita' matura tifsser l-uzu shih tad-don tal-liberta' li ircevejna mill-Hallieq meta sejjah ghall-eziztenza l-bniedem "mahluq fi xbieha tieghu".

"F' din il-liberta', Kristu helisna" u jibqa' jehlisna. Minn hawn il-Knisja tikseb il-hin kollu ispirazzjoni, sejha u spinta 'l quddiem ghall-missjoni taghha u ghas-servizz taghha fost il-bnedmin. Ghalhekk il-verita' shiha dwar il-liberta' tal-bniedem qieghda mohbija fil-qalb tal-misteru tal-Fidwa. Il-Knisja taqdi tassew lill-bnedmin meta tghasses din il-verita' b' attenzjoni li ma teghjiex, b' imhabba mhegga u b' impenn matur kif ukoll meta fil-komunita' kollha taghha, hi xxandar din il-verita' u taghtiha forma konkreta fil-hajja umana, permezz tal-fedelta' ta' kull nisrani ghall-vokazzjoni tieghu. (n.21)

CL2 Redhoml.txt